MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 43/2005

Awtorita' Marittima Ta' Malta

vs

Spiteri Carmel

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Qieghda tintalab is-somma ta' elf u sitt liri Maltin u sitt centezmi (Lm1006.06), rapprezentanti *berthing fees* dovuti mill-konvenut Carmel Spiteri lill-Awtorita Marittima ta' Malta rigward il-boat *Samarkand*, hekk kif jidher mill-istatement anness datat 21 ta' Dicembru, 2004 (dok A). Minkejja li ntbaghtet ittra legali nhar id-19 ta' Novembru, 2005 (dok B), il-konvenut baqa' inadempjenti u l-ammont dovut baqa' jizdied.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Ra l-kapitoli pprezentati mill-attur fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2005.

U billi ghalkemm notifikat regolarment bil-mezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern tat-28.10.2005 u f'gurnal lokali ta' kuljum tal-26.10.2005 il-konvenut la pprezenta risposta entro t-terminu preskritt u l-anqas ma deher fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu fis-seduta tallum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' LM1006.06 dovut mill-konvenut Carmel Spiteri lill-Awtorita' Marittima ta' Malta rapprezentanti berthing fees rigward il-boat Samarkand, bl-imhax legali fuq dan l-ammont b'effett mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kif ukoll bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra tad-19 ta' Novembru 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------